



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2023  
(OR. en, pl)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0223(COD)

---

---

11793/23  
ADD 1

CODEC 1358  
TRANS 309  
CLIMA 352  
ECOFIN 769  
AVIATION 137  
MAR 97  
ENV 844  
ENER 443  
IND 388  
COMPET 757

#### NOTA PUNT "I/A"

|          |                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE ( <b>I-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

#### Dikjarazzjoni mil-Latvja

Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ l-għan tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE biex jiġi żviluppat network għall-iċċarġjar u r-riforniment madwar l-UE kollha. Din il-proposta hija pass importanti lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u lejn il-kisba tan-newtralità klimatika. Madankollu, il-Latvja għandha tħassib dwar żewġ elementi importanti tal-proposta – miri intermedji u l-outputs tal-potenza meħtieġa – u l-Latvja għandha dubji serji dwar il-fattibbiltà li jintlaħqu l-miri b'mod ekonomikament vijabbli.

Fir-rigward tal-outputs tal-enerġija meħtieġa, speċjalment għall-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi tqal, in-network nazzjonali tad-distribuzzjoni tal-elettriku jrid jissaħħaħ għal tali konnessjonijiet tal-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar. In-network fil-Latvja bħalissa għandu nuqqas ta' kapaċità fil-biċċa l-kbira taż-żoni fil-livelli kollha ta' vultaġġ. Konsegwentement, dan huwa marbut direttament mal-possibbiltà li jiġu rispettati l-iskadenzi stabbiliti għall-miri intermedji. Peress li l-konstruzzjoni tal-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar tista' tiġi żgurata biss jekk isir it-tisħiħ tal-grilja, il-miri intermedji previsti huma ambizzjużi wisq.

Għalhekk, filwaqt li għadha tappoġġa l-għanijiet ġenerali tal-proposta u l-kontribut tagħha għall-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Latvja tastjeni fil-votazzjoni dwar il-proposta.

### **Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Ir-Repubblika tal-Polonja ma tappoġġax il-proposta finali għar-Regolament AFIR, kif imfassla fil-qafas tat-trilogi.

Il-miri ambizzjużi għall-perjodi ta' żmien, il-kapaċità, il-perċentwali tal-kopertura tan-network TEN-T u d-distanzi bejn il-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar, kif stabbiliti fl-approċċ ġenerali adottat fit-2 ta' Ġunju 2022, huma – fil-fehma mhux biss tar-Repubblika tal-Polonja, iżda wkoll ta' pajjiżi oħra – sfida li qbilna dwarha fi spirtu ta' kompromess.

L-issodisfar tar-rekwiżiti tal-proġett AFIR, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura tal-irriċarġjar għat-trasport bit-triq heavy-duty, jinvolti investiment kbir u nfiq finanzjarju biex jiġi żviluppat in-network tal-elettriku, b'mod partikolari n-network tad-distribuzzjoni u f'xi każijiet ukoll in-network tat-trażmissjoni.

Anki żieda żgħira fil-livell tal-ambizzjoni għall-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi tissarraf fi spejjeż oġġla b'mod sproporzjonat li pajjiżi bħar-Repubblika tal-Polonja jkollhom iġarrbu fi żmien qasir. Iż-żieda tal-kopertura perċentwali tan-network TEN-T b'infrastruttura tal-irriċarġjar b'10 % sal-2027 għall-pajjiżi b'territorji kbar tissarraf f'mijiet ta' kilometri ta' toroq li fuqhom trid tinbena l-infrastruttura tal-irriċarġjar.

Ir-Regolament AFIR għandu jipprevedi network minimu bażiku ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi tul il-kurituri tat-TEN-T, bl-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċità u l-għadd tagħhom li għandhom jiġu rregolati mis-suq. L-istratifikazzjoni tal-introjt minn pajjiż għall-ieħor tal-UE għadha teżisti, u l-elettromobbiltà qed tiżviluppa aktar bil-mod fil-pajjiżi inqas għonja milli fil-pajjiżi bi PDG per capita ogħla mill-medja tal-UE. L-istabbiliment ta' miri komuni għat-territorju kollu tal-UE li huma ogħla minn dawk maqbula mill-Kunsill mhuwiex ġustifikat. Il-flessibbiltà hija importanti wkoll għall-pajjiżi benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni, fejn l-infrastruttura konformi mat-TEN-T xorta ser tinbena għal ħafna snin fil-futur, sabiex jiġu evitati spejjeż irrekuperabbli bla bżonn.

Il-Polonja ttenni l-pożizzjoni negattiva tagħha dwar il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" kollu kemm hu, li jistabbilixxi miri u ambizzjonijiet mhux realistiċi u għandu impatt sinifikanti fuq it-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri. Il-Polonja hija tal-opinjoni li l-biċċa l-kbira tal-pakkett qed jiġi ttrattat fuq bażi legali li mhix korretta, u dan jgħoq preċedent perikoluż.

---